MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 435/2003

**Evan u Miriam konjugi Cumbo**
**esercitanti l-kummerc f'isem Mireva Bookshop**

**vs**

**Joseph Grech**
**esercitanti l-kummerc f'isem Merit Trading**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fit-3 ta' Settembru, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm1,824.91) dovuta lill-istess atturi rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' kotba mibjugha fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Ottubru, 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-

imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti ma ghndu jaghti ebda ammont lill-atturi billi l-eccipjenti kien jaccetta l-kotba b’konsenja u jhallas lill-atturi tal-kotba mibjugha; ghalhekk il-kotba mhux mibjugha kienu u ghadhom proprjeta’ ta’ l-atturi u qatt ma gew mibjugha lill-eccipjenti.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas tas-somma ta’ elf, tmien mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm1,824.91) bilanc ta’ prezz ta’ kotba mibjugha mill-atturi lill-konvenut.

Irrizulta mill-provi illi l-atturi qeghdin fin-negozju tal-kotba u jiggestixxu principalment mill-hanut maghruf bhala “Mireva Bookshop”, sitwat hdejn l-Universita’, l-Imsida.

Il-konvenut, Joseph Grech ukoll qieghed fl-istess generu ta’ negozju u bejn il-partijiet kien hemm, ghal zmien twil, relazzjoni kummercjali attiva.  Il-konvenut kien jordna l-kotba u jhallas ratealment b’mod regolari.

L-attur, Evan Cumbo spjega b’mod dettajat it-tip ta’ relazzjoni illi kien hemm bejnithom, fejn f’xi okkazjonijiet xtara minghand il-konvenut u ghamlu tpacija, b'tali mod illi bejn tpacija u hlasijiet, il-kontijiet dejjem kienu jithallsu. Jidher pero’, illi wara Dicembru tas-sena 2000, il-konvenut ma xtarax aktar kotba u l-ahhar pagament sar fl-20 ta’ Dicembru, 2001.  Wara dan, bdew jigu mibghtua *statements* u l-ahhar wiehed huwa dak li gie esebit a fol. 18 minfejn l-atturi ggustifikaw it-talba taghhom.

Minn naha tieghu l-konvenut jghid illi r-relazzjoni ta' bejnithom kienet iddur fuq is-sistema ta' bejgh *on consignment*. Qatt ma rcieva *invoice* hlief f'okkazjoni wahda u dawk il-kotba illi jibqghu mhux mibjugha jigu ritornati lill-atturi. Semma okkazjonijiet fis-16 ta' Dicembru, 1994, 9 ta' Ottubru, 1996 u 11 ta' Gunju, 1999 meta l-kotba gew ritornati. Jammetti wkoll illi ghad fadallu numru ta' kotba ghandu u jghid, "Il-kotba ndikati fid-*delivery note* a fol. 16 ghadhom ghandi, pero' jiena lest li naghtihomlu lura" (fol. 21B). Il-konvenut jghid illi waqfu jinnegozjaw meta l-attur qabbad lil hadiehor *full time*. Ix-xoghol naqas u waqfu l-pagamenti.

L-attur Cumbo a fol. 24 jispjega l-okkazjoni tar-*returns* meta qal illi dawn kienu kotba specjalizzati u kien talabhom lura huwa stess. Semma wkoll il-kaz tas-Sur Bellucci illi kien Taljan li ordna ammont ta' kotba illi taghhom il-konvenut kien speci ta' sensar. Pero' l-fatturi kollha hargu f'isem il-konvenut u ha kommissjoni fuq il-bejgh.

Ikkonsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi l-konvenut huwa tenut li jhallas l-ammont indikat fl-avviz. Ex admisis, il-kotba illi taghhom qed jigi riklamat il-prezz qeghdin fil-pussess tieghu u ddikjara illi kien lest jaghtihom lura, pero' waqaf hemm u ma ghamel xejn aktar sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu. Jekk verament dehrlu illi dawn il-kotba kienu proprjeta' ta' l-atturi, allura kien hemm mezzi ohra sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu, izda zgur mhux li jzommhom u li ma jhallasx. Il-konvenut dejjem kellu l-fakulta illi jiddepozita formalment il-kotba l-Qorti jekk dawn jigu rifjutati, pero' milli jidher lanqas s'hemm ma wasal u l-oggezzjoni principali tieghu ghal nuqqas ta' hlas, kienet illi naqaslu x-xoghol u ghalhekk waqqaf il-pagamenti. Din mhijiex skuza valida biex tiggustifika z-zamma tal-kotba minghajr ma jhallas ghalihom.

Ma giex ippruvat illi n-negozju bejn il-partijiet kien wiehed *on consignment* u c-cirkostanzi meta kotba gew ritornati gew sofisfacentement spjegati mill-atturi. Dan ma jfissirx li s-sistema bejnithom kienet wahda kif ippretenda l-konvenut. Ic-cirkostanzi tar-ritorn kienu eccezzjonali ghar-regola u l-eccezzjoni ma taghmilx ir-regola.

Il-Qorti hija sodisfatta li l-"modus operandi" bejn il-partijiet kien dak suggerit mill-atturi. Il-kotba illum qeghdin fil-pussess tal-konvenut li qatt ma rrifjutahom u ghalhekk ma jistax jopponi talba ghal hlas taghhom (ara "L&D Attard Company Limited vs Eurometal Company Limited" Appell 28 ta' Jannar, 2005).

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talba ta' l-atturi u tikkondanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' elf, tmien mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm1,824.91) dovuta lill-istess atturi rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' kotba mibjugha fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------